MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 170/2002/1

**Anthony Bezzina ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza tal-konsorzju maghrufa bhala Bezzina – Hydrobudowa Consortium**

**vs**

**Direttur tal-Kuntratti u Chairman Awtorita` Marittima b`digriet tal-Qorti tal-31 ta` Mejju, 2002 giet awtorizzata korrezzjoni b`zieda fl-occhio tal-kawza u wara l-kliem 'Awtorita` Marittima' ghandhom jidhlu l-kliem 'ta` Malta'**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fit-12 ta` Frar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-Awtorita` Marittima kienet stidnet kuntratturi lokali u esteri sabiex jissottomettu proposti ghall-process ta` pre-kwalifikazzjoni ghal xoghol marbut mal-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-*breakwater arm* fic-Cirkewwa, Malta;

Il-konsorzju attur kien fost dawk li ppartecipaw fil-process ta` pre-kwalifikazzjoni li tnieda mill-konvenuta Awtorita` Marittima, permezz ta` proposta maghmula skond it-termini indikati fid-dokument ta` sejha ghall-proposti ghall-prekwalifikazzjoni, kopji ta` liema document qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A;

Skond id-dokument ta` sejha ghall-proposti ghall-prekwalifikazzjoni mhejji mill-konvenuta Awtorita` Marittima, id-ditta ta` konsulenti CMC – indikata fid-dokument ta` pre-kwalifikazzjoni bhala *“The* ***Engineer*** *responsible for the pre-qualification procedure”* giet inkarigata sabiex tewvalwa l-proposti ta` pre-kwalifikazzjoni u tghaddi l-gudizzju taghha dwar il-proposti li jkunu gew sottomessi u li jkunu pre-kwalifikaw, lill-konvenuta Awtorita` Marittima;

Il-konsorzju attur permezz tar-rapprezentant legali Anthony Bezzina tieghu gie mistieden ghall-laqgha deskritta mill-*Project Manager* tal-konvenuta Awtorita` Marittima bhala wahda ta` familjarizazzjoni ma` dawk li ssottomettew il-proposti fil-process ta` pre-kwalifikazzjoni, laqgha li nzammet fis-*site office* tal-Awtorita` Marittima fic-Cirkewwa. Ghal din il-laqgha attendew rapprezentanti tad-ditta ta` konsulenti CMC, kapeggjati mill-Perit Andrew Ellul, kif ukoll mis-Sur Roger Sammut – *Project Manager* tal-konvenuta Awtorita` Marittima. Waqt din il-laqgha gew diskussi mal-konsorzju attur diversi punti u gew maghmula diversi mistoqsijiet relattati mal-progett li kien sejjer isir. F`mument ta` din il-laqgha intqal lir-rapprezentant tal-konsorzju attur li l-konsorzju attur flimkien ma` applikant iehor – identifikat sussegwentement bhala is-socjeta` Polidano Brothers Limited – kienu gew pre-kwalifikati;

Il-konsorzju attur jinsab infurmat li d-ditta CMC – responsabbli skond id-dokument ta` pre-kwalifikazzjoni

mhejji u mahrug mill-konvenuta Awtorita` Marittima, ghall-process ta` pre-kwalifikazzjoni – hejjiet u pprezentat dokument konsistenti f`rapport li permezz tieghu pre-kwalifikat il-konsorzju attur flimkien ma` partecipant iehor fil-process ta` pre-kwalifikazzjoni is-socjeta` Polidano Brothers Limited;

Skond klawsola 3 tad-dokument ta` pre-kwalifikazzjoni li allura jirregola t-termini tal-process ta` pre-kwalifikazzjoni, jinsab provdut li: ***"Competent local and international contractors are invited to pre-qualify for this Project. Only those applicants included in the short list of approved bidders will be permitted to draw documents and submit bid for Projects"***;

Dan jista` biss ifisser li kien ser ikunu dawk li jipprekwalifikaw li jkunu jistghu jigbru d-dokument ghas-sejha ta` offerti ghall-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-*breakwater arm* fic-Cirkewwa;

Permezz ta` Avvizi, wiehed li deher fil-Gazetta tal-Gvern – kopja hawn ezebita u mmarkata bhala Dokument B – u iehor li deher f`gazetta lokali ta` kuljum – kopja hawn ezebita u mmarkata bhala Dokument C – il-konvenuta Awtorita` Marittima qeghda tavza li kuntratturi interessati qed jigu mistiedna sabiex jigbru u jitfghu offerti ghall-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-*breakwater arm* fic-Cirkewwa anke jekk dawn ma sottomettewx ruhhom ghall-process ta` pre-kwalifikazzjoni u gew opportunament ipprekwalifikati;

Skond l-konsorzju attur dan l-agir jikser dak provdut fi klawsola 3 tat-termini li jirregolaw l-process ta` pre-kwalifikazzjoni, provvediment li huwa vinkolanti fuq l-konvenuta Awtorita` Marittima u li tenut kont il-fatt illi skond il-persuna imqabbda sabiex tkun responsabbli mill-process ta` pre-kwalifikazzjoni, cioe` d-ditta CMC, l-konsorzju attur effettivament pprekwalifika;

Il-konsorzju attur talab l-ispedizzjoni ta` l-opportun mandat ta` inibizzjoni billi l-konvenuta Awtorita` Marittima u l-konvenut l-iehor Direttur tal-Kuntratti jigu inibiti milli jilqghu

jaccettaw, jipprocessaw jikkunsidraw u/jew jaggudikaw offerti ghall-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-*breakwater arm* fic-Cirkewwa, skond l-Avvizi fuq riferiti u li kopja taghhom jinsabu ezebiti bhala dokumenti B u C. Ir-rikors opportun jgib in-numru: 213/02 u kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument D;

It-talba ghall-ispedizzjoni tal-mandat ta` inibizzjoni giet michuda permezz ta` digriet tas-7 ta` Frar, 2002, kopja ta` liema digriet qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument E;

Il-konsorzju attur jhoss illi jezistu elementi li ghandhom jgieghlu lill-Qorti li tirrevoka *contrario imperio* l-imsemmi digriet tas-7 ta` Frar, 2002, barra li tordna li l-konvenuti jigu permanentement inibiti milli jilqghu, jaccettaw, jipprocessaw, jikkunsidraw u/jew jaggudikaw offerti ghall-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-*breakwater arm* fic-Cirkewwa, skond l-Avvizi fuq riferiti u li kopja taghhom jinsabu ezebiti bhala dokumenti B u C u li allura jkunu offerti li ma jkunux gejjin minghand l-konsorzju attur jew is-socjeta` l-ohra fuq indikata Polidano Brothers Limited, li skond il-process ta` pre-kwalifikazzjoni mniedi mill-konvenuta Awtorita` Marittima pprekwalifikaw u per konsegwenza kellhom ikunu huma biss li jigu mistiedna jitfghu l-offerti ghall-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-*breakwater arm* fic-Cirkewwa;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti fis-7 ta` Frar, 2002 fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni numru 213/02 fl-ismijiet *"Bezzina – Hydorbudowa Consortium versus Direttur tal-Kuntratti u Chairman Awtorita` Marittima"*;

2. tiddikjara illi bi pregudizzju u b`abbuz tad-drittijiet legali tal-konsorzju attur, l-konvenuta Awtorita` Marittima bl-agir taghha qeghda tikser it-termini ta` klawsola 3 tar-regolamenti li rregolaw il-process ta` pre-kwalifikazzjoni termini li huma vinkolanti fuqha tenut kont ukoll illi l-konsorzju attur skond dokument ippreparat mid-ditta

responsabbli mill-process ta` pre-kwalifikazzjoni cioe` is-CMC, gie pre-kwalifikat;

3. konsegwentement tordna illi l-konvenuti jigu inibiti permanentement milli jilqghu jaccettaw, jipprocessaw, jikkunsidraw u/jew jaggudikaw offerti ghall-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-*breakwater arm* fic-Cirkewwa, skond l-Avvizi fuq riferiti u li kopja taghhom jinsabu ezebiti bhala dokumenti B u C u li ma jkunux offerti gejjin minn dawk li pprekwalifikaw skond il-process ta` pre-kwalifikazzjoni mniedi mill-istess konvenuta Awtorita` Marittima.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jinsabu ingunti ghas-subizzjoni u b`rizerva ghal kull azzjoni ta` danni spettanti lill-konsorzju attur.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-25 ta` Frar, 2002, li in forza tieghu giet michuda talba tal-attur biex il-kawza tinstema bl-urgenza;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti li in forza taghha ecepixxa illi:

1. Id-digriet ta` l-Onorabbli Qorti Civili tas-7 ta` Frar, 2002 huwa gust u jimmerita konferma. Ghaldaqstant l-ewwel talba ghandha tigi michudha.

2. Rigward it-tielet talba, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi l-ghaliex l-esponent ghandu jigi inibit milli jilqgha, jipprocessa, jaccetta, jikkonsidra jew jaggudika offerti kif mitluba mill-attur, dana stante illi l-hrug tas-sejha ghall-offerti kienet talba ghal kollox legittima kif huwa ben spjegat fid-dikjarazzjoni mahlufa u annessa ma` dan l-att gudizzjarju. Ghaldaqstant it-tielet talba ghandha ukoll tigi michuda.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li l-konvenut Chairman tal-Awtorita` Marittima ta` Malta naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fit-terminu preskritt bil-ligi u hekk baqa` kontumacia;

Rat id-rikors tal-Awtorita` Marittima ta` Malta tal-4 ta` April, 2002, fejn talba li tiggustifika l-kontumacia taghha;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-31 ta` Mejju, 2002, fejn gie registrat li l-Awtorita` Marittima ta` Malta irtirat it-talba li ghamlet biex tiggustifika l-kontumacja taghha;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Awtorita` Marittima ta` Malta riedet tniedi progett ta` estensjoni tal-moll gewwa c-Cirkewwa. Peress li dan il-progett kien jinvolvi xoghol fil-bahar u, ghalhekk, kien jinvolvi xoghol delikat u ta` natura teknika, l-Awtorita` iddecidiet li tohrog invit ghall-*pre-qualification bids*. L-idea kienet biex wara li tara min kien interessat fil-progett, u tezamina l-abilita` teknika ta` min joffri biex jaghmel il-progett, tkun tista tohrog sejha ghall-offerti formali bazata fuq id-dettalji teknici li jirrizultala mill-*pre-qualification exercise*. L-iskop kien ukoll biex b`dan l-ezercizzju jigu eliminati offerenti li ma kellhomx il-kapacita` u l-*know how* biex jesegwixxu progett ta` din in-natura. Fil-fatt, fi klawsola 3 tal-*Pre-Qualification Documents* insibu registrat hekk:

*"Competent local and international contractors are invited to pre-qualify for this project. Only those applicants included in the short-list of approved bidders will be*

*permitted to draw documents and submit bids for the projects"*.

Jigi rilevat li skond l-*"Invitation for Pre-Qualification To Bid"* (li skond klawsola 2.13 tal-*Pre-Qualification Documents"* jitqies bhala parti mid-dokumenti) hemm registrat fil-klawsoli 6 u 7 is-segwenti:

*"6. Malta Maritime Authority is not bound to pre-qualify all or any applicant*

*7. Furthermore, applicants are to note that the publication of this pre-qualification exercise does not bind the Malta Maritime Authority to proceed with the issue of the call for Tender for the Contract in question in respect of which this pre-qualification exercise is being held"*.

Klawsola ohra rilevanti hija dik bin-numru 1.1 tal-*Pre-Qualification Documents* li tghid:

*"All applicants who make applications in terms of this document will be notified in writing of the success or otherwise of their applications after evaluation there of"*.

Wara li harget din is-sejha *for pre-qualification bids,* kien hemm 4 kumpaniji li resqu tenders: dawn kienu, is-socjeta` attrici, il-Bezzina-Hydrobudowa Consortium, Angelo Xuereb Construction Ltd, Impresa Ing. Sparaco Spartaco u Polidano Bros. Dawn il-bids gew evalwati mill-konsulenti tal-Awtorita` Marittima ta` Malta, li kienet ditta ta` periti u inginiera, maghrufa bl-isem ta` Civil Marime Contractors (CMC). Id-dokumenti sottomessi mill-bidders gew evalwati u gie ppresentat draft report li fih gie indikat l-informazzjoni ulterjuri li l-konsulenti riedu minn kull bider. Fil-konkjuzzjoni tieghu, f`dan ir-rapport jinghad hekk:

*"In general it is felt that the best presentation is by Bezzina-Hydrobudowa. However, at this stage a meeting to discuss the methods of construction should be held with the parties concerned. This will help clarify the procedure to be adopted for the final tender"*.

Wara dan id-draft report, saru laqghat mal-bidders, u wara ezami ulterjuri mill-konsulenti, dawn irrakomandaw illi mill-erba` bidders, kienu biss is-consortium attur u Polidano Bros li kellhom jigu kkunsidrati ghat-tender.

Din ir-rakkomandazzjoni tal-konsulenti giet diskussa fit-Tender Review Committee tal-Awtorita` Marittima ta` Malta, u, peress li kien jidher li kien se jkunu hemm biss zewg gruppi li kienu sejrin jipprekwalfikaw, gie decis li jitwaqqaf il-*Pre-Qualification Exercise*, u tinhareg sejha ghall-offerti. Fil-fatt, dak li gie deciz fil-laqgha gie registrat hekk:

*"Following a discussion, it was agreed to recommend that, in the interest of ensuring greater competition and avoid, as much as possible, any potential collusion between a small number of bidders, the actual tender be open to all potential bidders. Therefore, no further consideration would be given to the pre-qualification exercise that had been carried out"*.

Il-biza tal-kumitat kien li, peress li kien hemm biss zewg gruppi li setghu jikwalifikaw, jekk is-sejha tal-offerti issir formalment li dawn it-tnejn biss, dawn ikunu jistghu jiftiehmu dwar x`joffru u b`liema prezz, u jkunu jistghu *"jimponu"* kondizzjonijiet u prezzijiet fuq l-Awtorita`. Ghal din ir-raguni, il-Kumitat iddecieda li jwaqqaf il-process ta` *pre-qualification*, u johrog sejha ghall-applikazzjoni miftuha ghal kulhadd.

Jigi rilevat li, ghalkemm il-process tal-*pre-qualification* u anke tal-hrug tat-tenders, kien qed jigi processat mill-Awtorita` Marittima ta` Malta, peress li l-kuntratt kien jinvolvi sommom kbar ta` flus, skond il-ligi, il-procedura kollha kellha tghaddi minn taht il-kontrolli tad-Dipartiment tal-Kuntratti, u, fil-fatt, kull rakkomandazzjoni li kienet tiehu l-Awtorita`, kienet tghaddi f`idejn id-Direttur tal-Kuntratti li kellu jiehu d-decizjoni finali. Din il-procedura giet segwita f`dan il-kaz, mid-Direttur tal-Kuntratti jaccetta u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet li inghataw lilu mill-Awtorita` Marittima ta` Malta.

Ghalkemm ittiehdet id-decizjoni li jitwaqqaf il-process ta` *pre-qualification*, dawk il-gruppi li kienu applikaw u ippartecipaw f`dan l-ezercizzju, ma gewx infurmati li l-process gie mwaqqaf u ma kienx se jitkompla.

Minflok, fil-25 ta` Jannar, 2002, inharget sejha ufficcjali ghall-offerti, u l-offerta kienet miftuha ghal kulhadd ai termini tad-decizjoni mehuda mill-*Tender Review Committee*. L-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jghid li l-offerti setghu jsiru *"minn individwi/partijiet kwalifikati"*, fil-waqt li fil-gurnali lokali l-avviz li nhareg kien jghid li l-offerti setghu isiru minn *"interested contractors"*.

Il-*consortium* attur ra din is-sejha ghall-offerti u fit-28 ta` Jannar, 2002, kiteb lic-Chairman tal-Awtorita` Marittima ta` Malta u staqsieh x`kienet is-sitwazzjoni tieghu bhala li kien ippartecipa fil-*pre-qualification exercise*, u fid-dawl tal-klawsola 3 tal-*Pre-Qualification Documents*, staqsa hu kienx eliggibbli li jirtira t-*tender documents* u jitfa` offerta. Din l-ittra jirrizulta li waslet fl-Awtorita`. Ghalkemm, skond is-sejha ghall-offerti, l-offerti kellhom jigu sottomessi sal-5 ta` Marzu, 2002, il-*consortium* attur baqa` ma inghata ebda twegiba ghall-ittra tieghu tat-28 ta` Jannar, 2002, bir-rizultat li hu ma lahaqx ghamel offerta fiz-zmien preskritt. Irrizulta, li wara s-sejha ghall-offerti, kien hemm erba` ghaqdiet li tefghu l-offerta taghhom, u l-kuntratt finalment inghata li Polidano Bros.

Il-*consortium* attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenuti aggixxew illegalment u bi pregudizzju u b`abbuz tad-drittijiet legali tieghu, peress li agixxa bi ksur tal-artikolu 3 tal-*Pre-Qualification Tender Documents*, u bhala rimedju qed jitlob lill-Qorti izomm lill-konvenuti milli jaggudikaw offerta li ma tkunx offerta li kienet wahda minn dawk li pprekwalifikaw skond il-process ta` pre-kwalifikazzjoni mniedi mill-Awtorita` Marittima ta` Malta.

Din il-Qorti, qabel xejn, tirrileva li skond il-procedura taghna, la darba din il-Qorti hija Qorti ta` kompetenza superjuri, hija trid toqghod fil-limiti tal-kawzali u t-talbiet kif proposti mill-attur, u ma tistax tmur oltre dak mitlub. Fil-kawza "Frendo vs Mallia", deciza minn din il-Qorti fit-18 ta`

Mejju, 1982, intqal li *"Issa kif inhu risaput, fil-kaz ta` kawzi quddiem il-Qrati Superjuri, il-Qorti ghandha toqghod ghall-kawzalijiet kif dedotti fic-citazzjoni, li ma jistghux jigu mibdula fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, u t-talba jew talbiet ma jistghux jigu milqugha fuq kawzali jew kawzalijiet differenti minn dawk dedotti fic-citazzjoni"*. Fil-kawza "Azzopardi vs Azzopardi", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-31 ta` Jannar, 2003, intqal b`mod enfatiku li *"Il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta, u xejn izjed"*.

Issa, f`dan il-kaz, dak li qed jitlob il-konsorzju attur ma jistax jinghata. Il-konsorzju attur qed jitlob testwalment biex din il-Qorti tordna lill-konvenuti li *"jigu inibiti permanentement milli jilqghu, jaccettaw, jipprocessaw, jikkunsidraw u/jew jaggudikaw offerti ghall-kostruzzjoni tal-estensjoni tal-breakwater arm fic-Cirkewwa".* Apparti l-fatt li talba ghall-hrug ta` inibizzjoni permanenti hija insostenibbli, peress illi kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Borg vs Aquilina", deciza fit-12 ta` Frar, 1984, it-talba *"hija mhux biss superfluwa, izda wkoll guridikament erronea"* (ara wkoll "De Haan noe vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru, 1999), tali talba ma tistax, f`kull kaz, tintlaqa ghax bhala fatt jirrizulta li l-process ta` evalwazzjoni wara s-sejha tal-offerti sar, l-applikazzjonijiet gew accettati, ipprocessati u ikkunsidrati, u l-kuntratt in kwistjoni gie aggudikat favur kumpanija li, tajjeb ghandu jinghad, kienet ippartecipat fl-esercizzju ta` pre-kwalifikazzjoni flimkien mal-konsorzju attur. La darba dak li gie mitlub biex ma jsirx, fil-fatt, gia sar, u mhux qed jintalab it-thassir jew ir-revoka tal-aggudikazzjoni, l-Qorti ma tistax tipprovdi fuq ir-rimedju mitlub. Ir-rimedju mitlub hu dak biex il-kuntratt ma jinghatax, izda la darba l-kuntratt gia nghata, il-Qorti ma tistax tipprovdi fuq dik it-talba.

Il-Qorti ma tistax lanqas, proceduralment, tipprovdi fuq id-dikjarazzjoni mitluba fit-tieni talba, ghax dik id-dikjarazzjoni hi marbuta mar-rimedju mitlub, tant li t-tielet talba tibda bil-kelma *"konsegwentement"*. Il-konsorzju attur qed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuti qed jagixxu illegalment, u konsegwentement talab li l-konvenuti

jitwaqqfu milli jkomplu jipprocessaw il-hrug tal-offerti. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Giufrida noe vs Borg Olivier noe", deciza fil-5 ta` Mejju, 1967, fis-sistema guridika malti, il-Qrati ma jistghux jaghtu semplici dikjarazzjonijiet li jkunu pre-ordinati ghal rimedji li ma jistghux jinghataw. Dikjarazzjonijiet ma jistghux jinghataw *in vacuo*, imma tali dikjarazzjonijiet iridu jinghataw fil-kuntest ta` rimedju specifiku li jkun mitlub u jkun jista` jinghata mill-Qorti; fil-kaz, ir-rimedju mitlub u abbinat mad-dikjarazzjoni ma setghax jinghata, u kwindi ma hemmx lok li tinghata d-dikjarazzjoni mitluba fit-tieni talba u li hi marbuta ma u pre-ordinata ghar-rimedju specifiku mitlub fit-tielet talba.

Min barra dan, anke kieku l-Qorti kellha l-htiega li tezamina l-agir tal-konvenuti, mill-lat strettament tekniku u legali, ma tarax li l-konvenuti mxew b`mod kontra dak li hu provdut fid-dokumenti ta` pre-kwalifikazzjoni, partikolarment il-klawsola 3 invokata. Meta l-konvenuti bdew il-process ta` pre-kwalifikazzjoni, ma kellhom ebda obbligu li jikkonkludi tali process. Kif jinghad fil-ktieb *"Slater`s Mercantile Law"*, ta` Chorley vs Giles (16th Edit., 1972 pag. 7), *"An offer must be carefully distinguished from an invitation to treat. The best illustration of this distinction is the case of a person asking for tenders to do certain work or to purchase certain goods. The invitation to tender has of itself no operation at all. The tender is an offer, and this must be accepted before there is a binding contract. There is no prima facie undertaking that the most advantageous or any offer will be accepted by the person who has invited the tenders".*

F`dan il-kaz, in oltre, dan gie specifikat fid-dokumenti mahruga, fejn kien jinghad car li l-Awtorita` setghet ma taccetta lill-hadd u lanqas ma kienet obbligata li wara l-esercizzju ta` pre-kwalifikazzjoni li tkompli bil-process u tohrog sejha ghall-offerti. Hi kienet marbuta biss li tezamina u tevalwa l-applikazzjonijiet, pero`, ma kellhiex obbligu li twassal fi tmien il-process. Hija intrabtet ukoll li, fi tmien dak il-process ta` evalwazzjoni, tinforma lill-bidders bir-rizultat, pozittiv jew negattiv, izda jidher li ma kellha ebda obbligu kuntrattwali li tavza lill-istess bidders,

f`kaz li ma tkomplix bil-process ta` evalwazzjoni u ma jkunx hemm *"rizultat"*, kif gara f`dan il-kaz. Fil-fatt, jirrizulta li meta l-kumitat induna li, fl-ahhar mill-ahhar, kienu se jkunu, forsi, tnejn li jipprekwalifikaw, huwa ddecieda li jwaqqaf il-process, u johrog mill-ewwel sejha ghall-offerti miftuha ghall-kulhadd. Il-klawsola 3 tal-*pre-qualification document* kienet tesigi li, fil-hrug tas-sejha ghall-offerti, jkunu invitati biss dawk li jkunu *short-listed* b`rizultat tal-*pre-qualification exercise*, izda, f`dan il-kaz, dan is-*short-listing* ma sarx, ghax, kif jirrizulta, il-*pre-qualification exercise* ma giex imwassal sat-tmien, u gie imwaqqaf qabel ma saret determinazzjoni ufficcjali tal-gruppi li setghu jipprekwalifikaw. Il-konvenuti, allura, ma agixxewx bi ksur ta` klawsola 3, ghax dik il-klawsola, ghall-operazzjoni taghha, tikontempla l-gheluq tal-process ta` pre-kwalifikazzjoni, mentri f`dan il-kaz il-process ma inghalaqx. La darba il-process ma giex konkjuz u ma gew *short-listed* ebda kumpaniji, l-hrug tal-offerti ma setghetx tigi limitata ghal dawk *short-listed*; bhala fatt ma kienu jezistu ebda kumpaniji jew konsorzji li gew *short-listed*, u l-hrug tas-sejha ghall-offerti, saret, kif kellha issir, miftuha ghall-kull min kien interessat.

Id-dritt kuntrattwali li kellu l-konsorzju attur kien li l-applikazzjoni tieghu tigi ipprocessata w ikkunsidrata, izda la kellu dritt li jigi maghzul ghas-*short-list*, u lanqas li l-process jigi konkjuz, basta, ovvjament, li l-process ma jigix terminat kapricjossament u arbitrarjament. F`dan il-kaz, il-konvenuti spjegaw ghalhiex hassew li kellhom jwaqqfu l-process ta` pre-qualification, u din il-Qorti, minghajr ma timezima ruhha fl-esercizzju ta` diskrezzjoni ezercitat mill-konvenuti, jidhrilha li kellhom gustifikazzjoni biex jitterminaw il-process ta` pre-kwalifikazzjoni. Id-decizjoni li jigi terminat il-process ma kienetx wahda arbitrarja u lanqas ma kienet wahda ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti jew foloz jew li ma kienux ragjonevoli jew mil-lewn id-dinja; dak li l-Awtorita` kienet qed tibza minnu, seta` jsehh u ma kienx improbabbli li jsehh, u kwindi kienet legittima li tuza d-diskrezzjoni taghha, kif uzatha, u twaqqaf il-process.

Interessanti li l-Qorti tal-Appell f`Milan, l-Italia, b`sentenza tal-15 ta` Marzu, 1968 (FP,I, 447), irriteniet li kien hemm giusta kawza ghat-terminazzjoni tat-trattivi meta dan *"e` dovuto al sopravvenire di una causa esterna che rende l`affare meno conveniente";* f`dan il-kaz, il-fatt li kien hemm biss zewg bidders li setghu jikwalifikaw kien jaghmel il-process unutili u perikoluz.

Ma jirrizultax, ghalhekk, li l-process ta` pre-kwalifikazzjoni twaqqaf minhabba konsiderazzjonijiet li m`ghandhomx x`jaqsmu mal-progett jew mal-hrug tal-offerti innifsu, u d-decizjoni li hadu l-konvenuti kienet wahda li setghu validament jaslu ghaliha fic-cirkustanzi kif zvillupaw.

Kwindi, ma jirrizultax li l-konvenuti agixxew bi ksur tal-*pre-qualifications documents*.

Il-kaz kien ikun differenti kieku l-konsorzju attur ressaq talba ghad-danni bazat fuq agir bi ksur ta` bona fidi da parti tal-konvenuti.  Il-principju ta` bona fidi pre-kontrattwali ghadu mhux zvillupat fis-sistema malti u jista` jinghad li ghad hemm dubju dwar jekk persuna tistax titqies responsabbli ghad-danni meta, fi stadju pre-kontratwali, tkun agixxiet bi ksur tal-principju ta` bona fidi.

Id-duttrina ta` culpa in contralendo fil-kontinent tal-Ewropa hadet svolta pozittiva wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb fuq il-materja minn Rudolf von Jhering fl-1861.  Kien dan il-gurista germaniz li ta` validita` legali lit-teorija ta` culpa in contrahendo.  L-iskoperta tieghu hi ben deskritta mill-awtur Fabio Fortinguerra fil-ktieb *"La Responsabilita` Precontrattuale"* (Cedam 2002 Ed. p.41) fejn jispjega l-argument ta` Jhering b`dan il-mod.

*"In altri termini… la vendita` di res extra commercium determina senza dubbio l`impossibilita` di adempiere, ma fa sorgere al contempo, in capo all`alienante, l`obbligo al risarcimento che si ricollega al contratto.*

*Tale obbligo, a sua volta, discende dalla colpa del venditore, per altro presunta, in quanto indipendente dal fatto che quest`ultimo sappia o meno che il bene alienato*

*sia extra commercium. Jhering, infatti, sostenne che fosse configurabile la colpa laddove un soggetto si accingesse a stipulare un contratto senza essersi preventivamente informato dell`esistenza di tutti i requisiti necessari per la sua validita`.*

*La 'scoperta giurdica' attribuita a Jhering fu di straordinaria importanza: se l`obbligo di risarcimento in capo a colui il quale aliena un cosa extra commercium trovava il suo fondamento su una colpa commessa prima della conclusione del contratto, ogni qual volta sarebbe sorta una colpa in contrahendo, sarebbe sorto quell`obbligo".*

Din it-teoria inghogbot u giet accettata u segwita mill-guristi ta` dak iz-zmien, fosthom il-Faggella u in Rubino, li huma uhud mill-guristi taljani li taw spinta lill-din id-duttrina fil-bidu tas-seklu ghoxrin. Hekk il-Fagella (*"I periodi pre-contrattuale e la responsabilita` precontrattuale"* 1918 Ed. p. 36) jghid:

*"Il puro e semplice recesso, senza che le trattative abbiano avuto il loro svolgimento e il loro esito, positivo o negativo, importa violazione di quel tacito accordo precontrattuale, e questa violazione rende arbitrario e intempestiva il recesso"*.

Il-Kodici Civili Taljan tal-1865 ma kellu ebda disposizzjoni fil-materja (din giet introdotta fil-Kodici Civili `l gdid tal-1942), izda dan in-nuqqas la zamm lill-Qrati Taljani milli japplikaw id-duttrina ta` *culpa in contrahendo*, u lanqas ma kien ostakolu ghall-guristi li jaccettaw dan il-principju fis-sistema taljana. Il-gurista taljan Rava (*"I Contratti in Generale"*, 1932 Ed. p. 146) jghid li:

*"Il fatto di essere in rapporti precontrattuali, e cioe` in trattative con una persona, non awtorizza affatto a danneggiarla … L`applicazione dell`art. 1151 non viene affatto esclusa ne` limitata per il fatto che il danno e` stato arrecato nel periodo precedente ad un contratto"*.

Ovvjament, anke dak iz-zmien, kien hemm fl-Italia, vucijiet kuntrarji, fosthom il-Carrara, li a bazi tal-volonta` libera tal-partijiet kien jichad li kontraent jista` qatt jinstab responsabbli ghal xi danni qabel ma jorbot il-volonta` tieghu mal-kunsens vinkolanti. Ciononostante, il-maggoranza tal-awturi taljani ta` qabel il-kodici `l gdid, kienu favur l-introduzzjoni ta` dan il-principju, tant li l-gurista Fortinguerra (op. cit. p. 70) jghid:

*"Il nostro codice del 1865 non conteneva una disposizione volta a disciplinare il comportamento delle parti nel corso delle trattative e nella formazione del contratto. La dottrina, quella piu` sensibile, tuttavia, ammettiva, sia pure tra notevoli incertezza e contrasti, la possibilita` di parlare di una responsabilita` precontrattuale in singole ipotesi di rottura delle trattative, revoca della proposta e vendita di cosa altrui, senza pero`, che si guingesse geammai alla formulazione di una regola generale. Tale responsabilita`, in genere, veneva ricordatta nel genus piu` ampio dell`illecito aquiliano, cosi applicandosi l`art. 1151 del codice civile abrogato"* (ekwivalenti ghall-artikolu 1031 tal-Kodici Civili Malti).

Dan in-nuqqas fil-Kodici civili taljan gie sodisfatt bl-introduzzjoni tal-art. 1337 fil-Kodici Civili `l gdid mahrug fl-1942, li jghid testwalment li, *"Le parti, nello svolgimento delle trattative e nella formazione del contratto, devano comportarsi secondo buona fede"*. Il-gurista taljan Del Fonte (*"Buona fide prenegoziale e principio costituzionale di solidarieta`"* 1983 Ed. p. 125) jghid li, b`rizultat ta` l-introduzzjoni ta` dan l-artikolu:

*"Risulta cosi` sancito che anche durante lo svolgimento delle trattative si puo` incorrere in responsabilita` per violazione del dovere di buona fede: a diferenza che sotto il vigore del codice abragato, e` risolto positivamente il quesito se sia ammessa, nell`ordinamento vigente, la culpa in contrahendo come figura generale"*.

Il-gurista Fortinguerra, aktar qabel riferit, jghid li l-principju ta` bona fidi ghandha twassal ghal-responsabilita` ghad-danni kull meta, fil-kors tat-trattivi, kontraent jagixxi kontra

l-principju (per ezempju, nuqqas ta` informazzjoni fuq l-oggett in vendita; nuqqas ta` kunfidenzjonalita`; *"dovero di avviso"*, u obbligi ohra simili). Il-gurisprudenza taljana, jghid il-gurista, mhux dejjem kienet disposta li taccetta l-estensjoni ta` dan il-principju. Min naha l-ohra, din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun wisq difficli li, in principju, taccetta li wiehed ghandu jkun leali, onest u solidali waqt il-fazi tat-trattativi, ghax zgur li ebda Qorti ma kienet se tissanzjona l-kuntrarju. Kif jghid it-Trabucchi (*"Il nuovo diritto onorario"* 1959 Ed. pag. 498), *"nessun altro vincolo giuridico stringe i soggetti che non sia quella della convivenza nel mondo giurdico"*, u s-solidarieta` reciproca li ghandha tipprevali fis-socjeta`, giet kemm-il darba proposta bhala r-raguni socjali ta` dan il-principju. Kif jghid il-Del Fonte (op. cit. pag. 159), il-principju ta` bona fidi hija sottesa ghal –

*"obbligo di collaborazione, di cooperazione, obbligo solidaristico (positivo) finalizzato alla tutela ed alla realizzazione di valori personalistici"*.

Id-drittijiet li l-ordinament giuridiku jaghti lill-persuni iridu jigu ezercitati fil-limiti taghhom u minghajr ma dak li jkun jikkaguna hsara lill-haddiehor. Applikazzjoni generali ta` dan il-principju nsibuh mhux biss fid-delitt u l-kwazi-delitt (artikolu 1030 et seq tal-Kodici Civili), izda wkoll fil-proprjeta`, fejn ghalkemm ihaddem principju li proprjetarju jista` jisfrutta u jaghmel li jrid bi hwejgu, dan jista` jaghmlu fil-limiti tal-buon vicinat, basta, jigifieri, li bl-esercizzju tad-drittijiet tieghu ma jikkawzax hsara lill-haddiehor. Dan insibuh rifless fil-kawza, klassika fil-materja, "Bugeja vs Washington", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Mejju, 1897, fejn intqal li:

*"Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farvi le modificazioni che crede conveniente cessa la ove si reca grane molestia al vicino".*

Applikat dan il-principju ghal kaz in ezami, ghandu jinghad li m`ghandux ikun hemm kontestazzjoni li l-konvenuti kellhom dritt li jirrecedu mit-trattativi u li jwaqfu l-process ta` pre-kwalifikazzjoni, u darba dan id-dritt gie ezercitat ghal motivi gustifikati, ghandu jinghad li l-konsorzju attur

m`ghandux fuqhiex jilmenta f`dan ir-rigward. Pero`, il-principju ta` bona fede kien jimponi fuq il-konvenuti d-dover li, tal-anqas, jinfurmaw lil min ikun tefa` l-bid li l-process gie mwaqqaf, u fil-konfront tal-konsorzju attur, xi hadd mill-konvenuti kellu jkollu d-decenza li jirrispondi ghal-ittra tat-28 ta` Jannar, 2002, u jinfurmah bil-posizzjoni.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell ta` Milan, fis-sentenza indikata aktar qabel f`din id-decizjoni, kienet irrimarkat ukoll li, f`sitwazzjoni fejn ikun hemm terminazzjoni ta` trattivi minhabba cirkustanzi godda, dawn ic-cirkustanzi u d-decisjoni li ttiehed kellhom jigu kkomunikati *"alla parte che subisce il recesso"*.

Kif intqal ma jidhirx li kien hemm obbligu kuntrattwali biex il-konvenuti jinfurmaw lill-konsorzju attur b`dak li iddecidew, pero`, is-sens tal-irgulija, solidarjeta` u bona fide jesigu li kellha tinghata tali informazzjoni. Fil-kaz gara li l-konsorzju attur tefa l-*pre-qualification bid* tieghu, saret laqgha mieghu u mal-*project manager*, u ma ntqal xejn izjed lilu sa ma ra fil-Gazzetta tal-Gvern sejha ghall-offerti miftuha ghall-kulhadd. Zgur li ma kienetx tkun difficcli ghall-konvenuti li jinfurmaw il-bidders bid-decizjoni li jitwaqqaf il-process ta` *pre-qualification exercise*. Il-Qorti tirrepeti li l-konvenuti kellhom dritt iwaqqfu l-process u r-raguni ghal din id-decizjoni jirrizulta li kienet wahda valida, pero`, in-nuqqas ta` informazzjoni ghandu, fil-fehma tal-Qorti, jesponihom ghad-danni, danni li, ovvjament, ma ghandhomx ikunu ekwivalenti ghat-telf ta` qliegh sopportati mill-konsorzju attur, izda li ghandhom, fil-fehma tal-Qorti ikopru *"le spese che la controparte ha sostenuto in prevvisione della conclusione del contratto"* (*Corte di Cassazione* fl-Italia, sentenza tal-4 ta` April, 1960 kawza numru 759) u li jistghu, fic-cirkustanzi, jigu anke determinati *arbitrio et boni viri.*

Dan kollu inghad mhux ghax strettament rilevanti ghal meritu ta` dan il-kaz (peress li l-konsorzju attur, ghalkemm ghamel riserva, ma talabx li jigu likwidati danni favur tieghu), izda ghax din il-Qorti thoss li tali principju ta` bona fidi waqt it-trattativi ghandu jkollu spazju fl-ordinament

guridiku malti. Persuna li tittratta ma ohra, ghandha tkun leali u tagixxi in bona fide, u mhux tinjora l-parti l-ohra u tqies biss l-interessi taghha. Dan jghodd ukoll ghall-awtoritajiet governattivi, ghax kif qalet il-Qorti ta` Kassazzjoni fl-Italia f`sentenza tal-10 ta` Dicembru, 1987, (kawza numru 9129),

*"L`accertamento della buona fede della pubblica amministrazione sfugge infatti, in quanto espressione di un dovere estraneo al contratto, alla cognizione dell`autorita` amministrattiva di controllo ed, in oltre, non e` rivolto ad accertare se la pubblica amministrazione si sia comportata da corretto amministratore, compito questo che esula dai poteri del giudice ordinario; ma verte unicamente sull`adempiamento del dovere civilistico della stessa amministrazione di agire da corretto contraente"*.

Din il-Qorti, f`dan il-gudizzju, tara li fuq dan is-suggett ghandha tieqaf hawn, peress li, kif inghad, il-materja ta` danni mhiex parti mill-kawza kif proposta, u thalli l-kwistjoni biex tigi aktar dibbatuta u mistharga f`gudizzju separat jekk u meta jqum il-punt.

Ghar-rigward tat-talbiet attrici, fic-cirkostanzi, l-Qorti ma tarax kif tista` tilqaghhom.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` l-eccezzjonijiet sollevati u tichad it-talbiet kollha attrici.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, bid-dritt tar-Registru ghal-konsorzju attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------